MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 07 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1149/1997/1

Alfred Attard
vs
Segretarju Amministrattiv, l-Avukat Generali, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Harsien Socjali u d-Direttur tax-Xoghol

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn April 1988 u Lulju 1994, huwa sofra ingustizzja f'li:

a) ma nghatax ir-rank ta' leading man fl-iskema Haddiema Awziljari u Tahrig fejn kien jahdem,
b) waqt li kien fl-istess skema gie mgieghel jaghmel xoghol ta' leading man minghajr ma gie kkumpensat ghal dan ix-xoghol, u

c) meta spiccat l-iskema sab ruhu f'rank inqas minn dak li kellu ta' Supervisor billi gie mqieghed f'Grupp A mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni meta shabu s-Supervisors l-ohra gew impjegati mal-Gvern f'posizzjonijiet oghla.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

a) Fit-8 ta' April 1988 ir-rikorrent gie accettat bhala Supervisor fl-Iskema ta' l-Awziljari.

b) Minn fost is-Supervisors li dahlu kienu se jintghazlu dawk li ssejjhu 'leading men'. Ir-rikorrent kellu l-kwalifiki u l-esperjenza mehtiega li jkun leading man.

c) L-ghazla saret minghajr ezami kompetittiv. Sempliciment inqrat speci ta' rassenja waqt l-ahhar jiem tat-Tahrig f'Hal-Far. Min kien fiha, lahaq. Ir-rikorrent ma kienx, avolja kellu l-esperjenza mehtiega ghal post bhal dan.

d) Di piu', l-anqas biss gie maghzul bhala Supervisor fuq skrivanija kif spiccaw ohrajn li terga' kienu anqas kwalifikati minnu billi fl-impiegi precedenti taghhom qatt ma kellhom posizzjoni ta' xejn.

e) Sab ruhu jahdem fit-trinek ta' l-Enemalta jistiva u jwahhal il-katusi bit-tangent, jigbor il-gebel u dak kollu li jinterrompi l-ippustjar ta' katusi. Ghalkemm kien supervisor, gie moghti xoghol ta' haddiem kwalunkwe.

f) Wara diversi protesti, r-rikorrent sab ruhu go speci ta' store f'Hal-Far. Deherlu li postu ma kienx hemm u li ried jibda jingharaf mill-kapacita` li kellu ta' supervizjoni u ried li finalment jibda jgawdi beneficcji finanzjarji ohrajn mill-paga tieghu kif kienu qieghedin igawdu bosta. Baqa' jipprotesta.

g) Gurnata minnhom ir-rikorrent intalab jirraporta ghax-xoghol il-Birgu u beda jamministra gruppi ta' haddiema u hadhom taht idejh. Tela' Hal Far u gab l-ghodod necessarji ghall-gruppi kollha li kellu tahtu. Organizza kollox, inkluz stores u ufficcju. Kien ir-rikorrent

li jiddeciedi x'xoghol kellhom jaghmlu dawn il-gruppi ta' haddiema fil-Cottonera, jekk per ezempju, kellux isir restawr jew inkella tissewwiex xi bankina. Kien jiehu x-xoghol tieghu bis-serjeta`. Kien jaghmel il-progress report ta' kull supervisor li kellu tahtu u x-xoghol li kien ikun twettaq. Kien juza l-karozza privata tieghu fix-xoghol tieghu inkluz biex imur Hal-Far, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u biex jissorvelja l-gruppi li kellu mxerdin. Il-petrol kien ihallsu minn butu.

h) Ghamel snin twal jaghmel dan ix-xoghol ta' leading man minghajr ma jithallas ta' leading man u meta kien biss supervisor.

i) Xi sitt xhur qabel ma spiccat l-Iskema baghtu lil Joseph Tanti li hadlu postu u r-rikorrent sab ruhu taht l-istess Tanti ma' grupp ta' haddiema fit-triq jaqtghu l-haxix.

j) Malli l-Iskema temmet hidmietha, sab ruhu fi Grupp A mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Dan kien grad iktar baxx minn ta' Supervisor. Shabu kienu ddahhlu fid-Dipartimenti Governattivi fuq l-iskrivaniji.

k) Rega' gie mibghut il-Birgu. Fuq ir-rikorrent gabu lil certu Charlie Debattista, bniedem li anqas ismu ma kien jaf jikteb.

l) Wara r-rikorrent gie mibghut l-iskola ta' Kordin fejn il-Headmaster qabbdu jaghmillu x-xoghol ta' l-ufficcju. Ir-rikorrent kien kuntent sakemm darba minnhom gie Inspector u qallu "Inti x-xoghol tieghek hu ta' Purtinar".

m) Ghalxejn kienu l-protesti tieghu ma' l-Awtoritajiet. Qabdu breakdown u gie boarded out f'Lulju 1994.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jithallas lir-rikorrent kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 liema ammont ghandu jigi likwidat minn dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJET:**
Ra r-risposta tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni li eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat gie mharrek inutilment u l-anqas huwa l-legittimu kontradittur tar-rikorrent u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

2. Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi ma jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu tal-Art 6 tal-Att VIII tal-1997.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, l-Avukat Generali u d-Direttur tax-Xoghol li eccepew:-

Illi r-rikorrent kien fl-iskema maghrufa bhala AWTS jaghmel xoghol ta' Supervisor, u nghata l-hatra ta' Labourer Group A mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni b'sehh mill-1 ta' Jannar 1992 wara decizjoni tal-Gvern li joffri impjieg fi Group A lil dawk il-haddiema awziljari li kienu fl-iskema fil-31 ta' Awissu 1991.

Illi kien deciz illi dawk il-persuni li jigu certifikati li kienu supervisors fl-AWTS, kellhom izommu l-paga li kellhom fuq bazi personali kemm il-darba din kienet oghla mill-paga tal-grad li kienu se jidhlu fih. Din id-decizjoni kienu mgharrfa biha dawk il-Ministeri fejn intbaghtu jahdmu

dawn il-persuni, inkluz dak ta' l-Edukazzjoni fejn kien jahdem ir-rikorrent.
Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol, ta' l-Avukat Generali u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Harsien Socjali li eccepew:-

Illi l-Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Harsien Socjali m'humiex il-legittimi kontradittturi ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 u gew imharrka inutilment.

Illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrent fis-sens li huwa kien ingaggat mal-AWTS bejn it-18 ta' April 1988 u l-1 ta' Jannar 1992 u mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-1994 hija konfermata mir-records tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig.

Dawn ir-records juru li r-rikorrent kien impjegat bhala supervisor ma' l-AWTS.

Fl-1 ta' Jannar 1992 huwa nghata l-kariga ta' Labourer Group A mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi kienet ittiehdet decizjoni mill-Gvern li jigi offert xoghol bhala "labourer Group A" b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 lill-haddiema awziljari li kienu fl-AWTS fil-31 ta' Awissu 1991. Il-haddiema kollha ta' l-AWTS ghalhekk inghatatilhom il-hatra ta' labourer Group A u gew adebiti mad-Dipartiment tal-Gvern fejn kienu fil-fatt qed iservu qabel. Il-Haddiema Awziljari li kienu jahdmu fil-'head office' tal-AWTS kienu ttiehdu mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani u kienu gew addebiti mat-Taqsima tal-Maintanance ta' dak il-Ministeru.

L-iskema ta' l-AWTS giet likwidata u spiccat fl-1992.
Ma jirrizultax li saret xi preferenza jew eskluzjoni indebita mar-rikorrent fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi minn ezami tar-rikors u tar-risposti li nghataw jirrizulta car illi l-ewwel nett ir-rikorrent mhuwiex qieghed jitlob promozzjonijiet izda specificatament isemmi li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jithallas lir-rikorrent kumpens. Jinghad illi fil-fatt ir-rikorrent kien gie ingaggat fl-iskema ta’ AWTS bejn it-18 ta’ April 1988 u l-1 ta’ Jannar 1992 u sussegwentement spicca fid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni bejn l-1 ta’ Jannar 1992 u 1994. Meta fl-1 ta’ Jannar 1992, huwa nghata l-kariga ta’ Labourer ghal mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni, kien in segwitu tad-decizjoni tal-Gvern li jigi offrut xoghol bhala grupp A b’effett mill-imsemmija data li l-haddiema awziljari li kienu fl-iskema ta’ AWTS fil-31 ta’ Awissu 1991. Il-haddiema kollha nghatatilhom hatra tal-Grupp A u gew adebiti mad-Dipartimenti tal-Gvern fejn kienu fil-fatt qed iservu qabel. L-iskema ta’ l-AWTS kienet giet likwidata u spiccat fl-1992. Kien gie deciz illi dawk il-persuni illi jigu certifikati illi kienu supervisors fl-AWTS izommu l-paga li kellhom fuq bazi personali kemm il-darba din kienet oghla mill-paga tal-grad li kienu ser jidhlu fih. Meta r-rikorrent kien fl-iskema maghrufa bhala AWTS hu kellu xoghol ta’ supervisor.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi din id-decizjoni hija dwar eccezzjonijiet preliminari ta’ xi whud mill-intimati u li fihom saru n-noti. Dawn l-eccezzjonijiet preliminari jirrigwardaw lid-Direttur ta’ l-Edukazzjoni, Direttur tax-Xoghol u Segretarju Amministrattiv li bhala l-ewwel eccezzjoni preliminari sostnew li mhumiex il-legittimi kontradittури u sekondarjament illi t-talba tar-rikorrent ma tinkwadrax ruhha taht l-Artiklu 6 ta’ l-Att VIII tan-1997.

Ikkunsidra illi l-ilment tar-rikorrent fl-ewwel zewg paragrafi tieghu jikkonsisti f'illi dan jilmenta:

a) li ma nghatax ir-rank ta' Leading Man fl-iskema Haddiema Awziljari u Tahrig fejn kien jahdem; u

b) li waqt li kien fl-istess skema gie mgieghel jaghmel xoghol ta' Leading Man minghajr ma gie kkumpensat ghal dan ix-xoghol.

Illi hu ovvju illi ghalhekk l-ilment huwa dirett kontra d-Direttur tax-Xoghol. Dwar l-ilment tar-rikorrent taht il-paragrafu C tar-rikors, l-ewwel pagna, jirrizulta illi l-ilment tar-rikorrent hu bbazat fuq il-fatt illi meta spicca mill-iskema sab ruhu f'rank anqas minn dak li kellu ta' supervisor billi gie mqieghed fi Grupp A mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni meta shabu s-supervisors l-ohra gew impjegati mal-Gvern f'posizzjonijiet oghla u ghalhekk certament illi dan l-ilment huwa dirett kontra d-Direttur ta' l-Edukazzjoni. Ovvjament jekk ir-rikorrent ghandux ragun jew le fl-ilmenti hija haga li trid tirrizulta fil-kors tal-provi. Issa l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Hija cara ghalhekk illi jekk persuna tistitwixxi ilment kontra din, ghandha tidderigi l-kawza kontra l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni u ghalhekk f'dawn il-kazijiet kontra d-Direttur tax-Xoghol u d-Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Ara f'dan is-sens ukoll rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et deciz fid-9 ta' Dicembru 1998, Eugenio Cutajar kontra l-Ministru ghas-Sigurta` Socjali fid-9 ta' Marzu 1999 u Joseph Farrugia kontra l-Ministru tas-Sahha fit-28 ta' Ottubru 1999. L-istess ragunar ghalkemm ir-rikorrent kellu ragun u ghamel sewwa li istitwixxa l-kawza kontra d-Direttur tax-Xoghol u d-Direttur ta' l-Edukazzjoni izda bl-istess mod kien zbaljat meta istitwixxa l-kawza kontra s-Segretarju Amministrattiv peress illi kif jirrizulta mill-Artikolu 181B, il-kawza trid tkun diretta kontra

l-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni u s-Segretarju Amministrattiv ma kellu ebda inkarigu f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet preliminarji tal-legittimu kontradittur tad-Direttur tax-Xoghol u tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni izda tilqa' l-istess eccezzjoni tas-Segretarju Amministrattiv u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

It-tieni eccezzjoni preliminari tirrigwarda l-fatt illi skond id-Direttur tax-Xoghol u d-Direttur ta' l-Edukazzjoni l-fatti msemmija fir-rikors ma jinkwadrawx ruhhom taht dak li hemm dispost fl-Artikolu 6 Sub-Artikolu (1) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Meta wiehed ihares lejn l-ilment tar-rikorrent isib illi l-ilment tieghu huwa bbazat fuq il-fatt illi hu:

a) li ma nghatax ir-rank ta' Leading Man fl-iskema Haddiema Awziljari u Tahrig fejn kien jahdem;

b) li waqt li kien fl-istess skema gie mgieghel jaghmel xoghol ta' Leading Man minghajr ma gie kkumpensat ghal dan ix-xoghol; u

c) li meta spiccat mill-iskema sab ruhu f'rank anqas minn dak li kellu ta' supervisor billi gie mqieghed fi Grupp A mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni meta shabu l-ohra gew impjegati mal-Gvern f'posizzjonijiet oghla.

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent kif imsemmi fil-paragrafi a) u b) flimkien jirrigwarda l-fatt li ma nghatax ir-rank ta' Leading Man ossija ma nghatax hatra ta' Leading Man fl-iskema Haddiema Awziljari waqt illi dik imsemmija fil-paragrafu c) ta' l-ilment tieghu hija li l-hatra tieghu mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma kenitx dik konformi mal-Ligi. Dan kollu jfisser illi t-talbiet tar-rikorrent jinkwadraw ruhhom f'dak li hemm imsemmi fil-paragrafi a), b) u c) tas-Sub-Artikolu (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII tal-1997 u ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione materiae* sollevata mill-intimati.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Ir-rikors differit ghall-kontinwazzjoni ghall-11 ta' Novembru 2002 fil-11.00 a.m.